SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sebgha u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar l-Erbgha 13 t'Awwissu 2014 fl-Ufficju tal-Kunsill fit-8:00 ta' filghodu.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Cassar |
| Vici Sindku: | Michelina Mercieca |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Luigia Grima |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Hatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv**

3.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li peress li l-applikazzjonijiet ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv jaghlqu nhar it-Tnejn 18 t'Awissu, jinhtieg li mmedjatament jinhatar Bord biex jevalwa l-applikazzjonijiet u l-process. Huwa propona li bhala membri l-Bord ikun kompost mis-Sindku Nadur Charles Said, Sindku Munxar Joseph Sultana, eks Segretarju Ezekuttiv Mark Formosa, Vici-Sindku Ghajnsielem Franco Ciangura u l-kunsilliera Kunsill San Lawrenz Rose Vella u bhala segretarja tkun is-Segretarja tal-Kunsill Lucienne Haber. Huwa semma' li dawn huma nies li lkoll huma midhla sew tal-Kunsilli Lokali. Huwa ressaq dan il-Bord ghall-approvazzjoni u sar qbil unanimu dwar dan.

**4.0 Immarkar ta' Swimming Zone fil-Port tad-Dwejra**

**4.1** Is-Sindku prezenta pjanta tal-immarkar tal-iswimming zone, kif preparata mil-Perit Shawn Micallef. Il-Kunsill qabel maghha u sar qbil li ghandha tintbghat lil-Transport Malta, MTA u Ministeru ghal Ghawdex.

**5.0 Zviluppi dwar l-Interpretation Centre tad-Dwejra**

5.1 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-Avukat inkarigat mill-kwistjoni tal-Interpretation Centre tad-Dwejra. Huwa semma' li ghad fadal xi materji mportanti hafna li jikkoncernaw lis-sid tal-premissi f'dak li huwa twahhil tal-generator, uzu tat-toilets ecc. L-avukat prepara ittra lis-Sid fuq dan ir-rigward li wara li nqrat fil-laqgha, il-Kunsill qabel li ghandu japprova li din tintbghat minnufih bit-tama li l-affarijiet jigu regolati kemm jista' jkun malajr.

**6.0 Approvazzjoni tal-pagamenti**

6.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-computer tal-iskrivana mhux qed jiffunzjona sew u jinhtieg li jinbidel biex ir-residenti jkunu jistghu jinqdew malajr meta jigu ghal xi servizz fl-ufficju tal-Kunsill u li l-amministrazzjoni tal-Kunsill tkun tista tithaddem b'rittmu normali. F'dan l-istadju ngabru xi stimi ta' computer kif gej:-

Klikk - €450 ex VAT

ICS - €673

CCM - €740

Franklyn Cauchi - €470 inc VAT.

F'dan l-istadju l-Kunsill ghazel l-orhos offerta dik ta' Franklyn Cauchi.

7.2 Il-Kunsilliera Rose Vella rrimarkat ghal fatt li tkellmet mal-kuntrattur tal-pjazza Joe Grima fejn gibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex isir moniteragg ta' tghobija zejda li qed jghaddu biha t-trakkijiet fil-pjazza. Sar qbil li ghandna niktbu lil Transport Malta

f'dan ir-rigward u jaghmlu spezzjonijiet u kemm il-darba jirrizulta li qed jghaddi tunnellagg zejjed jinghataw il-multi mehtiega.

7.3 L-ambaxxatrrici Renee' Formosa rreferiet ghall-atttiva' tas-sajf li qed tippjana flimkien maz-zghazagh tal-lokal, dik ta' boat party. Sar qbil li ghandha tigbor xi stimi ta' xi boats u nimxu minn hemm.

7.4 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghal bankina fil-kantuniera ta' bejn Triq il-Gebla tal-General u Triq Wied Merill li kienet mkissra u ilha rrapurtata mad-Dipartiment tax-Xogholijiet biex tissewwa' u baqghet ma saritx. Huwa semma' li fl-eventwalita' li kienet perikoluza u kienet gejja l-festa nhasset urgenza li nordnawha direttament mal-kuntrattur Joe Grima peress li l-ispiza hija minima ghax kullma kien jinhtieg isir li tinbidel ftit kurduna u jitrangaw ftit metri ta' pavimentar. Il-Kunsill approva dan.

7.5 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghall-manutenzjoni li jinhtieg isir lill-playing field tal-lokal minhabba l-periklu li fih u ghalhekk huwa propona li meta l-Kunsill ikun jaffordja finanzjarjament, ghandu jinghata l-ewwel priojorita'.

7.6 Is-Sindku Anthony Cassar propona wkoll li rigward it-tieni kisja ta' Triq il-Wileg, jipproponi li nibghatu ittra lil Ministeru ghal Ghawdex sabiex jassorbi l-ispiza finanzjarja ta' din il-parti tal-progett peress li t-triq fizikament garrbet hsarat kbar meta kienet qed tintuza bhala triq alternattiva biex saru x-xogholijiet fi Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel ma dan u sar qbil ukoll li fit-talba ninkludu dik il-parti qasira li ghad fadal xi jsir minn Triq id-Duluri.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghodu.

**Anthony Cassar**

**Sindku**

**Lucienne Haber**

**Segretarju Ezekuttiv**